MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 608/2005

**Av. Philip Manduca (I.D.339960 M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Fabbri 1905 SPA.**

**vs**

**H.P. Cole Limited (C20).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Gunju 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf disa mija u sbatax-il Ewro u sebgha u tmenin centezmi (€25,917.87) rappresentanti

bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta’ merkanzija (Dok “A” *invoices*).

Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas l-ammont dovut s-socjeta` konvenuta naqset li thallas.

Peress li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qieghed jippresenta ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond **artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** (Dok “B”).

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ l-ekwivalenti f’Liri Maltin bir-rata tal-kambju fid-data tas-sentenza ghal €25,917.87 (illum ekwivalenti ghal Lm11,126.89) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid ippresentat kontestwalment, kontra s-socjeta` konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali mill-14 ta’ April 2004

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 18 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2005.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 30 ta’ Gunju 2005 fejn cahdet it-talba ghas-smigh tal-kawza kif talbet is-socjeta’ attrici a tenur tal-**artikolu 167 tal-istess Kap 12** u ordnat notifika ta’ l-istess digriet lill-partijiet (fol. 20).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-26 ta' Otturbu 2005 fejn deher l-attur *nomine* u Dr. Joseph Zammit ghas-socjeta' konvenuta u rappresentant ta' l-istess, u l-Qorti awtorizzat lis-socjeta' konvenuta tippresenta nota tal-eccezzjonijiet sad-differiment tal-kawza li kien imiss.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 15 ta' Novembru 2005 a fol. 24 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhux reali *stante* illi parti mill-merkanzija li taghha issa qed jintalab il-hlas kienet moghtija b'xejn fuq bazi promozzjonali kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 25 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-16 ta' Novembru 2005 u tat-28 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata ta' l-affidavits kollha tas-socjeta` konvenuta dwar dak allegat minnha fl-ewwel eccezzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta H.P. Cole Limited (C20) datata 12 ta' Jannar 2006 a fol. 29 tal-process li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' Kenward Cole (Dok "HP2").

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-10 ta' Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-istess Qorti tad-19 ta' Jannar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Philip Manduca ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Peress li l-attur *nomine* baqa' ma deherx il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Philip Manduca datata 26 ta’ Jannar 2006 a fol. 36 fejn intalbet l-appuntament mill-gdid tal-kawza sabiex tigi trattata u deciza u l-Qorti b’digriet taghha moghti fil-31 ta’ Jannar 2006, ordnat qabel xejn lill-attur *nomine* biex fi zmien ghaxart ijiem (10) jiddikjara b’nota xi provi fadal jitressqu u fi kwalunkwe kaz jipprezenta l-affidavits kollha tas-socjeta` attrici fi zmien tletin (30) gurnata minn dan id-digriet, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha.

Rat in-nota ta’ l-attur *nomine* datata 2 ta’ Frar 2006 u dik datata 12 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Umberto Fabbri u d-digriet ta’ din il-Qorti fejn il-kawza giet riappuntatata ghall-14 ta’ Novembru 2006 b’dan li giet innominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tiffissa seduta wahda sabiex jinstema’ ix-xhud u jigu konkluzi l-provi attrici u tali seduta kellha tinzamm sa l-ahhar ta’ Settembru 2006.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta datata 6 ta’ Frar 2007 fejn l-istess tat ruhha notifikata bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta HP Cole Limited datata 9 ta’ Marzu 2007 a fol. 58 tal-process li permrezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Kenward Cole direttur ta’ l-istess socjeta` konvenuta (Dok “HP”).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-14 ta’ Novembru 2006; tas-7 ta’ Frar 2007; u tat-13 ta’ Gunju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed Kenward Cole. Il-Qorti tat lil Dr. Manduca tletin (30) jum zmien biex jesebixxi l-korrispondenza li saret referenza ghaliha fix-xhieda. Dr. Zammit kellu jipprezenta nota ta’ l-ammissjoni ta’ l-ammont li xehed dwaru x-xhud Kenward Cole u dan fi zmien ghaxart ijiem (10) mid-data tas-seduta. Sa dan it-tant Dr. Manduca ghandu jirregola ruhu dwar id-dikjarazzjoni a fol. 42 tal-process. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta’ Ottubru 2007.

Rat in-nota ta' l-attur *nomine* datata 14 ta' Gunju 2007 li biha esebixxa kopja ta' zewg ittri li ntbaghatu wkoll lis-socjeta` konvenuta u dan bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti kif jidher a fol. 75 tal-process

Rat in-nota tas-socjeta` H.P. Cole Ltd. (C 20) datata 20 ta' Gunju 2007 a fol. 78 tal-process li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici in kwantu ghas-somma biss ta' €23,613.06.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-3 ta' Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Philip Manduca u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob pagament tal-ammont ta' €25,917.87 rappresentanti bilanc dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija minnha lis-socjeta` konvenut, u dan skond kif jidher mill-*invioces* relattivi annessi mac-citazzjoni attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet li l-ammont huwa eccessiv u dan peress li skond hija kien hemm parti tal-merkanzija li kienet moghtija b'xejn fuq bazi promozzjonali u dan ghalkemm fin-nota ta' eccezzjonijiet ma jirrizultax kemm fil-fatt kien l-ammont li s-socjeta' konvenuta qed issostni li ma ghandhiex thallas minhabba dak minnha eccepiet. Fil-fatt wara x-xhieda in kontro-ezami ta' Kenward Cole, rappresentant tas-socjeta' konvenuta, fit-13 ta' Gunju 2007 jidher li l-kontestazzjoni kienet biss

ghall-ammont ta’ €2,304.81, tant li fl-20 ta’ Gunju 2007, is-socjeta’ konvenuta pprezentat nota ta’ ammissjoni ghall-ammont ta’ €23,613.06, b’hekk li l-kontestazzjoni baqghet biss ghall-bilanc hawn appena ndikat ta’ €2,304.81.

Illi mid-dokumenti esebiti mic-citazzjoni attrici jirrizulta li hemm *invioce* numru 2C/0000497 00  datata 30 ta’ Marzu 2004 ghall-ammont ta’ €22,739.46; ohra numru 2C/0000496 00  datata 30 ta’ Marzu 2004 ghall-ammont ta’ €2,304.81; u ohra numru 2C/0000610 00 datata 14 ta’ April 2004 ghall-ammont ta’ €873.60, li b’kollox jammontaw ghal €25,917.87 li huwa ezattament l-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici. Il-kumment ghalhekk fl-ahhar paragrafu ta’ l-ewwel pagna ta’ l-affidavit ta’ Kenward Cole (Dok. “HP” – fol. 59) huwa zbaljat peress li l-istess *invoices* jirrapresentaw proprju l-ammont miltub fl-azzjoni attrici u semplici ezami matematiku ta’ l-import ta’ l-istess dokumenti jwassal ghall-istess.

Illi ntant fl-affidavit tieghu Kenward Cole, direttur tas-socjeta’ konvenuta sostna li huwa pprezenta l-eccezzjoni li ta ghaliex kien hemm oggetti bhal per ezempju spatalus tal-gelati bir-reklam tad-ditta Fabbri u *milkshake glasses* bl-istess reklam, li kienu skond huwa jinghataw b’xejn ma’ prodotti mixtrija mill-istess ditta u jikkalkula l-valur ta’ l-istess kienu ta’ €2,304.81 u dan skond kif indikat fid-dokument “HP 1”.

Illi din il-Qorti thoss li prova ta’ din l-allegazzjoni tas-socjeta’ konvenuta ma ngabitx; anzi din il-Qorti tinnota li d-dokument “HP” huwa kopja ta’ l-ewwel zewg faccati tat-tieni *invoice* annessa mac-citazzjoni attrici (fol. 13) numru 2C/0000496 00  datata 30 ta’ Marzu 2004 ghall-ammont ta’ €2,304.81, fejn fl-istess *invioce* jidher car li anke l-oggetti li saret riferenza ghalihom mir-rappresentant tas-socjeta’ konvenuta gew mibghuta mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta bil-prezz hemm indikat u fil-fatt il-valur totali ta’ l-istess *invoice* huwa proprju ta’ €2,304.81, l-ammont li jirrizulta li kien qed jigi kkontestat fl-affidavit imsemmi.

Illi ma jidhirx li s-socjeta' konvenuta oggezzjonat ghal tali prezz citat ta' l-imsemmija oggetti fid-data meta hija rceviet l-istess merkanzija u jidher li dan lanqas sar wara, tant li sahansitra wara l-ittra tad-26 ta' Novembru 2004 (Dok. "PM (i) – fol. 76), l-istess socjeta' konvenuta permezz ta' l-istess Kenward R. Cole irrispondiet b'korrispondenza datata 15 ta' Dicembru 2004 (fol. 6) li hija kienet dejjem disposta li thallas dak li kien dovut u ma saret l-ebda ndikazzjoni li kien hemm xi oggezzjoni ghall-ammont mitlub fl-istess ittra datata 26 ta' Novembru 2004, liema ammont mitlub fl-istess ittra, kien ta' €25,917.87 bl-imghax legali hemm indikat.

Illi minn dan kollu jirrizulta li fil-waqt li s-socjeta' attrici ppruvat il-pretensjoni taghha kemm permezz ta' xhieda u permezz ta' dokumenti esebiti, l-istess ma jistax jinghad ghas-socjeta' konvenuta, anzi jidher li d-dokumenti stess li ghamlet riferenza ghalihom l-istess socjeta' konvenuta jikkontradixxu l-istess allegazzjoni taghha peress li jidher li l-istess oggetti gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta *verso* l-prezz indikat fl-istess *invoice* relattiva. B'hekk jista' jinghad ukoll li l-istess socjeta' konvenuta lanqas issodisfat l-oneru ta' prova li kien jinkombi lilha fuq dak minnha allegat u b'hekk it-talba attrici qed tigi milqugha fl-ammont indikat fic-citazzjoni attrici. Hawn issir riferenza wkoll ghall-kontro-ezami ta' l-indikat rappresentant tas-socjeta' konvenuta, fejn din il-Qorti thoss li l-istess xhieda ma hija xejn konvincenti. Din il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm jidher li s-socjeta' konvenuta ma kelliex oggezzjoni ghall-ammont eventwalment ammess f'din il-kawza, dan xorta wahda ma thallasx minkejja li ghadda sew iz-zmien mill-konsenja ta' l-istess oggetti mertu ta' l-azzjoni attrici, u dan ikompli ixejjen il-kredibbilta' ta' l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tlettax-il Ewro u sitt centezmi ta' l-Ewro (€23,613.06) u dan permezz ta'

nota tas-socjeta’ konvenuta datata 20 ta’ Gunju 2007, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ l-ekwivalenti f’Liri Maltin bir-rata tal-kambju fid-data tas-sentenza ghal hamsa u ghoxrin elf disa’ mija u sbatax-l Ewro u sebgha u tmenin centezmi ta’ l-Ewro (€25,917.87) (fid-data tal-prezentata tal-azzjoni attrici ekwivalenti ghal hdax-il elf mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u disgha u tmenin centezmi (Lm11,126.89)) liema ammont huwa dovut kif indikat fic-citazzjoni attrici u kif deciz f’din id-decizjoni.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Mandat ta’ Qbid ippresentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici kontra s-socjeta` konvenuta u bl-imghax legali mill-14 ta’ April 2004 sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------